# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 9 ta' Dicembru 2019**

**Rikors Numru : 101/2019 JPG**

**Kawza Numru : 22**

**SC**
**Vs**
**CS**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' SC datat 25 ta' Frar 2019 a fol 1 et seq, li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet iżewwġu fil-ħdax (11) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sebgħa (2007) f' St James Cavalier fil-Belt Valletta – ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat Dok A.*

*Illi minn dan iż-żwieġ ma twieldu l-ebda ulied;*

*Illi l-partijiet isseparaw minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni in atti tan-Nutar Dr Charles Vella Zarb datat it-tmienja u għoxrin (28) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) hawn anness u mmarkat bħala Dok B;*

*Illi għaddew 'l fuq minn erba (4) snin mid-data li fiha l-partijiet ilhom de facto jgħixu separatament minn xulxin u ma jeżisti ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejniethom;*

*Illi jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mil-liġi għall-ħall definittiv taż-żwieġ u għad-divorzju bejn il-partijiet;*

*Illi l-esponent jiddikjara li huwa domiċiljat f'Malta għall-effetti u l-finijiet tal-artikolu 66 N(1) (a) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Għaldaqstant l-esponent jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tiddikjara ż-żwieġ tiegħu mal-intimata CS maħlul b'mod definittiv u li l-partijiet huma divorzjati għall-effetti u l-finijiet kollha tal-liġi u sabiex din l-istess Onorabbli Qorti konsegwentament tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien imħolli għal daqshekk, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex b'hekk dan ikun jista jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku skond il-liġi, u dan taħt dawk il-provedimenti kollha li din l-Onorabbli qorti jidhrilha li huma xierqa u opportuni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, id-digriet u tal-avviż tas-smiegħ ġew debitament notifikati skond il-liġi;

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kawża.

Rat l-Artikoli 66 A, 66 B u 66 C tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta:

**Ikkonsidrat**:

CS xehdet (fol 17) li hija iżewwġet lill-SC fil-11 ta' Awwissu 2007 u li minn dan iż-żwieġ ma kellhomx tfal. Fit-28 ta' Ottubru 2015 huma iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali (fol

4). Skond dan il-kuntratt, ebda manteniment ma huwa dovut. Minn mindu iffirmaw il-kuntratt ta' separazzjoni, il-partijiet ma wettqu ebda rikonciljazzjoni u ma hemm ebda tama ta' rikonċiljazzjoni. Illi f'Settembru 2015, l-attur kien keċċieha mid-dar matrimonjali, u ċioe xahar qabel ma ġie iffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni.

Illi SC xehed (fol 23) illi huwa iżewweġ fil-11 ta' Awwissu 2007 u li minn dan iż-żwieġ ma kellhomx tfal. Illi l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni datat 28 ta' Ottubru 2015, u ma hemmx tama ta rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet. Ebda manteniment ma hu dovut lill-partijiet. Xehed ukoll illi l-intimata CS telqet mid-dar qabel Settembru 2015.

Illi permezz tal- affidavit tieghu l-intimat xehed (fol 26) illi huwa separat minn mal-mara tiegħu sa' mill-erbgħa (4) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, u li pero ilhom separati de facto sa minn qabel is-sena elfejn u erbatax (2014). Illi ma hemm ebda prospett ta' rikonciljazzjoni mal-mara u illi t-tnejn li huma kellhom relazzjonijiet ma' terzi u jgħixu l-ħajja indipendenti tagħhom. Arretrati ta' manteniment ma hemmx.

**Ikkonsidrat**:

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw***

***għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-11 ta' Awwissu 2007 (Vide Dok A fol 3) u li minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Charles Vella Zarb, datat 28 ta' Ottubru 2015 (vide Dok. B fol 4 et seq tal-proċess L-attur jippremmetti fir-rikors promotur *'illi għaddew 'l fuq minn erba' snin mid-data li fiha l-partijiet ilhom de facto jgħixu separatament minn xulxin u ma jeżisti ebda prospett raġjonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejniethom'* L-intimata xehdet (fol 19) illi l-partijiet ilhom separati de facto minn Settembru 2015. Dan ikkonfermah ukoll ir-rikorrenti (fol 26) Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet ilhom separati *de facto* ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi mhemmx pendenzi rigward ħlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre illi ġie ippruvat illi ma hemm ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet.

Għalhekk jirriżulta illi r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa r-rekwiżiti kollha meħtieġa mil-liġi sabiex iż-żwieġ jiġi maħlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' it-talbiet, tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien xahar mil-llum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi rreġistrat fir-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**